**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Frar 2021**

**<u>Rikors nru: 161/2016 AGV ;</u>**

**ABC**

**vs**

**DC**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' DC, datat 27 ta' Jannar 2021, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ghal separazzjoni personali fl-ismijiet premessi liema proceduri jinsabu differiti ghall- 25 ta' Frar 2021;
2. Illi l-esponenti qed titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-gudizzju finali a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b' dan illi mhux ser jinholoq ebda pregudizzju mhux proporzjonat ghall-intimat kemm-il darba tintlaqa' it-talba.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett lil din Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal -partijiet a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat li ABC , debitament notifikat, naqas milli jippresenta risposta entro t-terminu.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi t-talba maghmula fir-rikors odjern hija ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. Tali ordni ggib maghha stat ta' fatt gdid ghall-partijiet u ghall-proprjeta' mizmuma minnhom. Il-waqfien tal-komunjoni huwa applikabbli mid-data li din tinghata permezz ta' sentenza tal-Qorti. L-effett ta' tali ordni hu li minn dik id-data 'l quddiem, il-partijiet jistghu liberament jakkwistaw proprjeta' f'isimhom, u dik il-proprjeta' hekk akkwistata ma taqax fir-regim tal-komunjoni. Madankollu, il-proprjeta' li sa dik id-data kienet tifforma parti mill-komunjoni tibqa' hekk tifforma parti minnha. Il-komunjoni tigi xolta biss mas-sentenza. Ghalhekk, din l-ordni hija applikabbli mid-data tas-sentenza 'l quddiem, u dan minghajr pregudizzju ghal dak li gia' jifforma parti mill-komunjoni.

Il-ligi taghna tispecifika li tali ordni tista' tigi opposta min-naha l-ohra billi jigi muri lill-Qorti li tali ordni ser tikkawza pregudizzju mhux proporzjonat, u tali prova tinkombi fuq min qed jopponi ghall-waqfien tal-komunjoni. F'din il-kawza, ma dahlet ebda risposta da parti ta' ABC , u ghalhekk il-Qorti tista' tassumi li ma hemmx oppozizzjoni ghal din l-ordni. Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' din it-talba.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal -partijiet a tenur tal-artikolu 55(1) tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Anthony J Vella**
**Imhallef**

**Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**